**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**
**IMĦALLEF**
**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM l-Erbgħa, 7 ta' Ottubru, 2015**

**Kawża Nru 8**

**Rikors Nru. 552/2015JRM**

**BANK OF VALLETTA p.l.c. (C-2833)**

vs

Consiglio u Gertrude miżżewġin **SCIBERRAS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-8 ta' Gunju, 2015, li bih is-soċjeta rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra talbet li din il-Qorti:

(i) Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt pubbliku tal-25 ta' Ġunju, 1998, fl-atti tan-Nutar Carmel Gafa (hawn esebit bħala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-istess imħarrkin (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta' l-istess miżżewġin Sciberras li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta attriċi; u

(ii) Tikkundanna lill-imsemmija Consiglio u Gertrude miżżewġin Sciberras, flimkien u "in solidum" jħallsu lis-soċjeta attriċi s-somma ta' wieħed u għoxrin elf sitt mija u sitta u sebgħin Euro u tlieta u erbgħin ċenteżmi (€21,676.43) bilanċ għad-debitu fil-"*Loan u l-Overdrafts Account*" ta' l-imħarrkin mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1 sa B6") flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mit-28 ta' Jannar, 2015 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Rat illi r-rikors ġie debitament notifikat lill-intimati li naqsu li jippreżentaw risposta fiż-żmien mogħti lilhom mil-liġi;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrkin fis-17 ta' Settembru, 2015, li biha ammettew it-talbiet attriċi kif dedotti;

Fuq ammissjoni tal-imħarrkin, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba** tas-soċjeta rikorrenti kif dedotta fir-Rikors u ssib li seħħet waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt pubbliku tal-25 ta' Ġunju, 1998, fl-atti ta' Nutar Carmel Gafa billi l-imħarrkin miżżewġin Sciberras naqsu li jħallsu regolarment u fiż-żmien li fih intrabtu li jagħmlu dan mal-Bank attur; billi l-istess imħarrkin naqsu li jwettqu l-obbligi l-oħrajn li ntrabtu bihom; u billi seħħew bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess imħarrkin li jolqtu ħażin il-possibilita tal-ħlas lura tad-debitu lill-istess Bank attur;

**Tilqa' t-tieni talba** attriċi billi tikkundanna lill-imħarrkin, flimkien u solidament bejniethom, biex iħallsu lill-Bank attur is-somma ta' wieħed u għoxrin elf sitt mija u sitta u sebgħin euro u tlieta u erbgħin ċenteżmi (€21,676.43) bilanċ għad-debitu fil-"Loan u l-Overdraft Account" tagħhom, flimkien mal-imgħax legali ulterjuri fuq dik is-somma b'seħħ mit-28 ta' Jannar, 2015, sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tikkundanna** lill-imħarrkin, flimkien u solidament bejniethom, biex iħallsu **l-ispejjez tal-kawża.**

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**7 ta' Ottubru, 2015**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Reġistratur**

**7 ta' Ottubru, 2015**